MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tat-23 ta' Novembru, 2001

Avvi$Z Numru. 647/2001/1

**Avviz Nru:-647/01DM**

**Maltacom plc**

**Vs**

**Rokku u Rita konjugi Zammit**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta’ erbgha mija tlieta u tletin liri Maltin u hamsa u sittin centezmi (Lm433.65) rappresentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 809045 (skond kif jirrizulta mill- istatement anness mal-avviz Dok A) liema servizz gie installat fil-fond 25, Sqaq Dun Guzepp Naudi, Ghaxar u dana skond ma kif jidher mill- kopja annessa mal-avviz tal-ftehim markata Dok B.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-prezenti, tal-ittra interpellatorja datata 24 ta' Jannar 2001 u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati ma dehrux biex jikkontestaw it-talba attrici u ghaldaqstant il-Qorti wara li rat id-dokumenti esebiti u semghet lil PL Noel Scerri bil-gurament issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Il-Qorti ghalhekk qeghda tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma mitluba ta' erbgha mija tlieta u tletin liri Maltin u hamsa u sittin centezmi (Lm433.65) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz.

Bl-imghaxijiet legali b'effett mit-28 ta' Gunju tas-sena 2001;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

--------------------------------TMIEM--------------------------------